# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 1**

**Rikors numru 198/19/4 TA**

**George Degiorgio**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` u b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2019 ġew ammessi jintervjenu fil-kawża l-Avukat Peter Caruana Galizia u Matthew, Andrew u Paul aħwa Caruana Galizia**

**Il-Qorti:**

1. Waqt is-smigħ tal-kawża kostituzzjonali li qegħda tinstema' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'rikors preżentat fit-13 ta' Jannar 2020 l-attur talab lill-ewwel Qorti sabiex:-

> *"..... tordna lill-intimat Kap tas-Servizzi tas-Sigurta jippreżenta l-allegat mandat illi huwa xehed dwaru waqt l-udjenza ta' nhar it-8 ta' Jannar*

*2020 u dana taħt dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha u opportuni"*.

2. Kawża li għandha x'taqsam ma' interċettazzjonijiet ta' konversazzjonijiet li saru permezz ta' telefon. It-talbiet f'dik il-kawża jaqraw:

> *"1. Tiddikjara illi għar-raġunijiet hawn esposti fil-konfront tiegħu hemm ksur u x'aktarx ser jibqa' jkun hemm ksur tal-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*
>
> *"2.Tiddikjara illi l-Kap.3 91 tal-Liġijiet ta' Malta u b'mod partikolari l-artikolu 18 tal-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta jiksru l-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*
>
> *"3. Konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, inkluż billi tordna l-isfilz mill-atti tal-proċeduri kriminali bħalissa pendenti fil-konfront tal-esponenti ta' kull prova miksuba illegalment u tagħtih kumpens xieraq għal ksur hawn fuq imsemmi"*.

3. Bi tweġiba preżentata fl-20 ta' Jannar 2020 l-intervenuti fil-kawża argumentaw li l-prova mitluba mir-rikorrent mhijiex rilevanti għal finijiet tal-ilment. F'kull każ joqgħodu għad-deċiżjoni tal-Qorti.

4. L-intimati wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn it-talba għandha tkun miċħuda.

5. B'digriet mogħti fit-3 ta' Frar 2020 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent u tat dawn ir-raġunijiet:-

*"Permezz tar-rikors odjern, ir-Rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex "tordna lill-intimat Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' jippresenta l-allegat mandat illi huwa xehed dwaru waqt l-udjenza ta' nhar it-8 ta' Jannar 2020." Ir-rikorrent għalhekk irid tip ta' deċiżjoni minn din il-Qorti dwar il-legittimita` tat-talba tiegħu f'dan l-istadju tal-kawza.*

*"Il-Qorti eżaminat sewwa l-atti tal-kawża. Jirriżultalha, li wieħed mill-aggravji tar-rikors promotur, li għad irid jiġi deċiż definittivament b'Sentenza veru u propja u mhux b'digriet huwa identiku għal dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent f'dan ir-rikors. Di fatti fir-rikors promotur ir-rikorrent jgħid hekk f'paragrfau 2.5(c):*

*"il-fatt waħdu illi ma ġie eżebit xejn minn dak kollu imsemmi fil-paragrafu preċedenti, ifisser anke skont dak deċiż fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-1 ta' Marzu, 2011 fl-ismijiet **Avukat Ġenerali -vs- Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' et** li ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza mogħtija nhar l-24 ta' Frar , 2012 li jekk dak il-mandat ma jintweriex, il-Qorti ma tkunx tista' tgħid jekk l-interċettazzjoni tkunx kontra l-liġi jew le u għalhekk l-intimati, ilkoll flimkien jew min minnhom, aġixxew u qedgħin jaġixxu b'mod illi jiġu 'l fuq mill-Qorti billi mingħalihom ineħħulha s-setgħa illi tgħid u tiddeċiedi jekk l-interċettazzjoni hijiex kontra l-liġi o meno u għalhekk kisru u ser ikomplu jiksru l-jedd ta' l-esponenti li jkollu smiegh xieraq."(a' fol 12 )*

*"Il-Qorti ma tistax ma tosservax li dan l-aggravju, salv għal xi kelma 'l hawn jew 'l hinn, gie riprodott kważi verbatim fir-rikors odjern f'paragrafu ħamsa b'ittri rumani, bħala wieħed mill-aggravji għat-talbiet kif magħmula. Minħabba din il-ko-ċentriċita` ta' talbiet, fir-rikors promotur u dak odjern, il-Qorti rriskontrat ostaklu ta' sustanza.*

*"Din il-Qorti ġiet adita, mhux biex tiddeċiedi jekk dan il-mandat għandux ikun esebit f'dawn il-proċeduri iżda jekk kellux ikun esebit fi proċeduri oħrajn. Din waħda mir-raġunijiet li nislet l-ilment tar-rikorrent u li waslitu biex jagħmel din il-Kawża. Di fatti a' propositu ta' dan il-mandat f'paragrafu 1.10 tar-rikors oriġinali (a' fol 8) l-istess rikorrent għid hekk:*

*"Agħar minn hekk, il-Kummissarju tal-Pulizija mhux biss naqas milli jipprova l-veraċità o meno ta' dak allegat minnu iżda naqas ukoll milli jġib il-prova debita illi jekk tabilħaqq kienet qegħda issir interċettazzjoni ta' xi telefonati tali interċettazzjoni kienet qegħda issir bis-saħħa ta' mandat maħruġ appożitament mill-Ministru responsabbli u dan kif kontemplat tassattivament mill-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta."*

*"Għalhekk mhux daqstant meħtieġ l-esibizzjoni u l-għarfien tal-kontenut ta' dan il-mandat f'dawn il-proċeduri daqs kemm qiegħed jingħad li kien meħtieġ li jkun esebit fi proċeduri oħrajn imsemmija, fost oħrajn waqt il-kumpilazzjoni minnu ndikata. Fi ftit kliem, ir-rikorrent irid jikkonvinċi lil din il-Qorti dwar il-ħtieġa li dan il-mandat kellu jkun esebit fil-proċeduri minnu imsemmija. Fil-fatt huwa dak li ġie deċiż fis-Sentenza minnu ċitata fl-ismijiet l-Avukat Ġenerali vs Kap tas-Servizzi Sigrieti tad-9 ta'*

*Diċembru 2011. Li għamlet dik il-Qorti kien li eżaminat jekk il-Qorti tal-Maġistrati kellhiex is-setgħa li tordna l-esibizzjoni tal-mandat. Fi ftit kliem skrutinat l-andament tal-proċeduri f'dik il-kawża, kif fil-fatt irid jagħmel ir-rikorrent f'dan ir-rikors għall-fatt biss li dan il-mandat ma kienx hekk esibit fil-kumpilazzjoni minnu msemmija.*

*"Fid-dawl taf kif inhuwa konfezzjonat ir-rikors odjern u t-talbiet kif magħmula, il-Qorti trid toqgħod b'sebgħa għajnejn, u dan fl-interess tal-partijiet kollha għal kawża, li ma tmurx tinvesti permezz ta' digriet dak li għad trid tiddeċiedi fil-mertu. Bir-rikors odjern, qed tintalab deliberazzjoni antiċipata minn din il-Qorti dwar materja formanti parti mill-litis contestatio li tolqot kemm l-aggravji tar-rikorrent u kif ukoll ir-risposti tal-kontro-partijiet għal kawża propja.*

*"Id-digrieti ta' din ix-xorta huma intiżi li jassistu lill-partijiet u lill-Qorti jistruwixxu l-kawża sabiex finalment jiġi deċiż il-mertu, pero` ma jistgħu ikunu qatt dawn id-digrieti li jinvestuh. Digriet ta' din ix-xorta ma jista' jbiddel xejn mill-kontroversja sottomessa quddiem il-Qorti, la rigward it-talbiet u lanqas dwar l-eċċezzjonijiet. (ara* ***Sentenza PA. fl-ismijiet Valfracht Roro Line Limited vs Dr Louis Cassar Pullicino, per Imħallef J.R. Micallef tal-10 ta' April 2003****). Il-mertu għalhekk, huwa determinabbli biss bi pronunzjament li jwassal għal ġudikat".*

6. B'digriet tat-2 ta' Marzu 2020 l-ewwel Qorti awtorizzat lir-rikorrent sabiex jappella mid-digriet tat-3 ta' Frar 2020.

7. B'rikors preżentat fid-9 ta' Marzu 2020 ir-rikorrent appella mid-digriet tal-ewwel Qorti bl-aggravji jkunu:-

*"(a) Id-digriet appellat jippekka in kwantu r-raġunijiet mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti biex tiċħad it-talba tal-esponenti ġew sollevati minnha stess marte proprio u għaliex l-ewwel Onorabbli Qorti ma investiet bl-ebda mod ir-raġunijiet mogħtija għaliex il-mandat imsemmi għandu jiġi eżebit;*

*"(b) Ir-raġunijiet mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti biex tiċħad it-talba tal-esponenti mhumiex tajbin;*

*"(c) fil-meritu, il-mandat in kwistjoni għandu jiġi eżebit bħala prova relevanti għall-ilmenti imressqa mill-esponenti u għahekk it-talba tiegħu kellha tintlaqa'".*

8. Ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex tħassar id-digriet tat-3 ta' Frar 2020 u minflok tilqa' t-talba li għamel bir-rikors tat-13 ta' Jannar 2020 u tordna lill-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta sabiex jippreżenta l-mandat.

9. Bi tweġiba preżentata fit-13 ta' Marzu 2020 l-intimati taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell. Fit-22 ta' Mejju 2020 l-intervenuti fil-kawża taw ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud.

**Konsiderazzjoni.**

10. Permezz tal-ewwel aggravju r-rikorrent jilmenta li:-

> *"3.1 ..... huwa wieħed ta' natura proċedurali u huwa fis-sens illi d-digriet appellat jippekka in kwantu r-raġunijiet mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti biex tiċħad it-talba tal-esponenti ġew sollevati minnha stess marte proprio u għaliex l-ewwel Onorabbli Qorti ma investiet bl-ebda mod ir-raġunijiet mogħtija għaliex il-mandat imsemmi għandu jiġi eżebit.*
>
> *"3.2 Minn qari tad-digriet appellat, jirriżulta illi r-raġunijiet mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti illi wassluha sabiex tiċħad it-talba tal-esponenti huma raġunijiet illi l-ewwel Onorabbli Qorti issollevat hija minn jeddha u mingħajr ma kienu tqajmu bħala oġġezzjonijiet jew tweġibiet mill-partijiet l-oħra fil-kawża, senjatament l-intimati u l-intervenuti fil-kawża, u b'hekk bl-għoti ta' dawk ir-raġunijiet l-ewwel Onorabbli Qorti ħadet b'sorpriża lill-esponenti".*

11. Quddiem l-ewwel Qorti l-partijiet ingħataw kull opportunita` li jagħtu l-fehma tagħhom. It-talba tar-rikorrent kienet sabiex il-Qorti tordna lill-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta`, wieħed mill-partijiet fil-kawża, sabiex jippreżenta l-mandat relattiv li suppost inħareġ fil-konfront tar-rikorrent. L-

ewwel Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent u tat ir-raġunijiet għalfejn. Il-fatt li r-raġunijiet li tat setgħu ma ssemmew minn ebda parti, ma jfissirx li b'daqshekk id-digriet hu null. Il-Qorti għandha kull dritt tiddeċiedi rikors ta' dik ix-xorta għar-raġunijiet li tqis li huma rilevanti għal dik id-deċiżjoni. Taqbilx jew le hi materja oħra.

12. Ir-rikorrent ilmenta wkoll li l-ewwel Qorti ma qieset l-ebda waħda mir-raġunijiet li ressaq sabiex isostni t-talba tiegħu. Pero` dik hi t-teżi tar-rikorrent. Id-digriet jispjega b'mod ċar dak li fil-fehma tal-ewwel Qorti kien determinanti sabiex tiċħad it-talba li saret bir-rikors tat-3 ta' Frar, 2020. Raġunijiet li fil-fehma tal-ewwel Qorti kienu iktar rilevanti mill-argumenti li ressaq ir-rikorrent, u cioe` li:

i. B'dak li talab ir-rikorrent ried *".... tip ta' deċiżjoni minn din il-Qorti dwar il-leġittimita` tat-talba tiegħu f'dan l-istadju tal-kawża"*;

ii. L-ilment f'din il-kawża sar mhux sabiex ikun deċiż jekk il-mandat għandux ikun eżibit imma jekk kellux ikun eżebit fil-kumpilazzjoni. Skont l-ewwel Qorti r-rikorrent kellu jikkonvinċiha li l-eżibizzjoni tal-mandat kien meħtieġ fil-proċeduri kriminali.

iii. Il-Qorti jkollha toqgħod attenta li f'dan l-istadju ma tagħtix digriet li jkun jiddeċiedi dak li għad trid tiddeċiedi fil-mertu, u kienet tal-fehma li bir-rikors tat-13 ta' Jannar 2020 intalbet *"..... deliberazzjoni antiċipata minn*

*din il-Qorti dwar materja formanti parti mil-litis contestatio li tolqot kemm l-aggravji tar-rikorrent u kif ukoll ir-risposti tal-kont-partijiet għal kawża proprja"*.

13. Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra t-tielet aggravju, cioe` li x-xhud għandu jkun ordnat jippreżenta l-mandat relattiv. Aggravju li jitratta dwar il-meritu. Ir-rikorrent isostni li l-mandat hu prova essenzjali meħtieġa minnu għal finijiet ta' din il-kawża kostituzzjonali, u dan minħabba li fil-kawża:-

i. Il-Qorti mitluba tiddeċiedi jekk l-interċettazzjonijiet telefoniċi sarux b'mod legali. Ir-rikorrent jgħid li mhuwiex biżżejjed li x-xhud jgħid li jeżisti l-mandat, stante li għandha tinġieb l-aħjar prova. Żied jgħid, *"5.3.... Hekk per eżempju, jekk il-mandat jgħid illi l-interċettazzjonijiet setgħu isiru biss in konnessjoni dwar każ ieħor biss, il-fatt illi l-interċettazzjonijiet allegati intużaw f'każ ieħor irendihom illegali"*.

ii. Qegħda tiġi kontestata l-validita ta' dispożizzjonijiet tal-Kap. 391.

iii. Qiegħed jingħad li seħħ ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni peress li *".... l-allegati interċettazzjonijiet telefoniċi illegali huma prova miġbura, miskuba u allura ippreżentati mill-intimati, jew min minnhom, b'mod illegali, b'mod kontra l-liġi u b'mod kontra l-jeddijiet fundamentali tal-esponenti u għalhekk bi ksur tal-jedd tiegħu illi jkollu smigħ xieraq"*.

iv. Gia ladarba fl-investigazzjoni kontra r-rikorrent issemmew l-interċettazzjonijiet telefoniċi, il-mandat għandu jkun eżebit u jkun sottopost għall-iskrutinju ġudizzjarju.

14. Ir-rikorrent ippreżenta r-rikors tat-13 ta' Jannar 2020 wara li fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2020 xehdu l-Ispettur Keith Arnaud u Joseph Bugeja, kap tas-Servizz tas-Sigurta.

15. Waqt id-depożizzjoni, l-Ispettur Arnaud ippreżenta *video recording* tal-interrogazzjoni li għamel lir-rikorrent fil-bidu ta' Diċembru 2017. Waqt l-interrogazzjoni semma lir-rikorrent *recording* ta' żewġ telefonati li l-Ispettur qal li saru mir-rikorrent lil tnejn min-nies sabiex jixtrulu *top up card* għall-mobile li jispiċċa bin-numru 8824. Mobile li skont l-Ispettur intuża dakinhar tad-delitt sabiex ir-rikorrent jikkomunika ma' ħuħ li hu wkoll ko-akkużat.

16. Waqt l-interrogazzjoni l-ispettur Arnaud jinstema' jgħid lir-rikorrent:-

> *"... il-calls li semmajnilek George, huwa leħnek, huwa l-mobile tiegħek. Għandna konferma li fil-fatt verament saret din il-call. Jiġifieri xi ħaġa din illi mhemmx xi tmeri fiha.... Bħala fatt illi inti tlabt il-voucher hemm il-call. Il-call saret mill-mobile tiegħek, mobile li kien qiegħed intercepted mill-Pulizija, dak huwa fatt".*[1]

[1] Ara wkoll traskrizzjoni a fol. 31.

17. Hu evidenti li dawk ir-*recordings* taż-żewġ telefonati, li l-Ispettur Arnaud jgħid li intużaw waqt l-investigazzjoni sempliċement bħala *intelligence*, kienu riżultat ta' interċettazzjoni ta' telefonati li qal li saru mir-rikorrent.

18. Il-Qorti fehmet li sal-lum dawk ir-*recordings* ma tressqux bħala prova kontra r-rikorrent fil-proċeduri kriminali li għaddejjin kontrih. Tant hu hekk li fir-rikors promotur ir-rikorrent ippremetta:-

> *"1.9 Minkejja dawn l-asserzjonijiet da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija, huwa naqas għal kollox milli jġib bħala prova li dak allegat minnu għandu tabilħaqq mis-sewwa billi naqas milli jipproduċi xi recordings ta' tali interċettazzjonijiet telefoniċi, naqas milli jipproduċi xi traskrizzjoni tal-allegati interċettazzjonijiet telefoniċi u naqas ukoll milli jipproduċi lill-Kap tas-Servizz tas-Sigurta', hawn intimat ukoll, sabiex jikkonferam il-veraċita o meno ta' dak kollu allegat minnu"*.

19. Li saru interċettazzjonijiet hu fatt magħruf. Dan apparti li l-intimati stess fit-tweġiba li ppreżentaw quddiem l-ewwel Qorti (fol. 21) qalu:-

> *"**Illi ma hemmx dubju li l-interferenza li minnha qiegħed jillamenta r-rikorrenti hija koperta bl-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta' (Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta) u li tali interċettazzjonijiet kienet waħda neċessarja** stante li l-iskop warajha huwa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji bħal dak odjern li jinvolvi omiċidju volontarju"*.

20. L-istess qalu fit-tweġiba li ppreżentaw għar-rikors tal-appell:

> *"**Għal dak li jirrigwarda l-argument tal-appellant li l-interċettazzjonijiet huma prova miġbura b'mod illegali, l-esponenti filwaqt li jiċħdu tali allegazzjonijiet b'mod kategoriku** u mingħajr preġudizzju għal dan jissottomettu li fi kwalunkwe każ is-sistema nostrana ma tabbraċċjax il-prinċipju tal-forbidden fruit theory......"*

21. Għalhekk l-intimati qegħdin isostnu li l-interċettazzjonijiet saru skont il-liġi u bla ħsara għal dan, illi wkoll jekk ma sarux kif trid il-liġi, xorta jista jsir użu minnhom.

22. Fir-rikors promotur li bih ir-rikorrent beda l-kawża, ippremetta li l-interċettazzjonijiet:-

> *"1.18....... **saru b'mod għal kollox illegali** u l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija ressqu u jridu jkomplu jressqu provi fil-konfront tal-esponenti illi huma kisbu b'mod illegali u bi ksur ta' liġi. Inoltre huwa daqstant ieħor ċar u evidenti illi l-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta huwa responsabbli għal tali illegalita` billi se mai huwa l-persuna illi għamlet l-allegati interċettazzjonijiet illegali".*

23. Fil-fatt l-ewwel talba fir-rikors promotur hi sabiex il-Qorti tiddikjara li għar-raġunijiet li ssemmew, hemm *"1..... ksur u x'aktar ser jibqa' jkun hemm ksur tal-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem"*. Il-Qorti fehmet li l-pretensjoni tar-rikorrent tinkludi kontestazzjoni dwar il-mod kif l-awtoritajiet għamlu l-interċettazzjonijiet. Hu minnu li l-ewwel Qorti qalet li waħda mir-raġunijiet għalfejn saret il-kawża kienet jekk il-mandat kellux ikun eżebit fil-kawża kriminali, pero` dik mhijiex l-uniku raġuni.

24. Pero` f'din il-kawża r-rikorrent qiegħed jikkontesta l-legalita` tal-interċettazzjonijiet li saru, u dik hi waħda mir-raġunijiet għalfejn qiegħed jilmenta minn ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

25. Skont l-Artikolu 6(2) tal-Kap. 391:

> *"Ebda interċettazzjoni ta' jew interferenza ma' komunikazzjonijiet fil-kors tat-trasmissjoni tagħhom bil-post jew bil-mezz ta' sistema ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz ieħor ma għandu jkun kontra l-liġi jekk dan jiġi awtorizzat b'mandat maħtuġ mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-artikolu"*.

26. Huma se mai l-intimati li jridu jagħtu prova li l-interċettazzjonijiet telefoniċi saru skont il-liġi. Fit-tweġiba li kienu ippreżentaw l-intimati (fol. 277) għar-rikors tar-rikorrent tat-13 ta' Jannar 2020, għamlu referenza għall-Artikolu 18 tal-Kap. 391. Argumentaw li dik id-dispożizzjoni tipprovdi:-

> *"...... għall-projbizzjoni totali tal-produzzjoni ta' tali mandat tant hu hekk li l-leġislatur uża l-kliem 'ma għandha tinġieb ebda prova' li tissuggerixxi li jkun inħareġ jew li jkun ser jinħareġ mandat li jfisser li l-mandat ma jistax jiġi eżebit fil-proċediment de quo stante li l-produzzjoni ta' tali mandat ikun ifisser li l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' jkun effettivament imġiegħel jipproduċi prova li tissuġġerixxi li nħareġ mandat: prova li tmur espressament kontra l-verb tal-liġi"*.

27. L-Artikolu 18(1) jipprovdi:-

> *"Fi proċedimenti li jsiru quddiem xi qorti jew tribunal, ma għandha tinġieb ebda prova u ma għandha ssir ebda mistoqsija waqt kontro-eżami li (f'kull każ) ittendi li tissuġġerixxi –*
>
> *(a) Li jkun sar jew ikun ser isir reat taħt l-artikoli 15 jew 16 minn xi persuna minn dawk imsemmija fis-subartikolu (2); jew*
> *(b) Li jkun inħareġ jew li jkun ser jinħareġ mandat lil xi ħadd minn dawk il-persuni.*
>
> *Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha titqies li tipprekludi l-kxif, filwaqt li tingħata xiehda, ta' informazzjoni li tkun tista' tinkixef skont dan l-Att jew taħt kull dispożizzjoni oħra"*.

28. L-intimati għamlu wkoll referenza għall-Artikolu 637 tal-Kap. 12 li jipprovdi:-

> *"(3) Ma tistax tintalab il-produzzjoni ta' xi dokument li hu miżmum minn awtorita` pubblika u......*
>
> *"(b) li l-iżvelar tiegħu hu pprojbit minn xi liġi oħra"*.

29. Pero` wieħed irid jiftakar li din hi kawża kostituzzjonali fejn l-ilment tar-rikorrent jinkludi ilment li l-interċettazzjonijiet bit-telefon ma sarux bil-mod li trid il-liġi u f'dak li sar seħħ ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, fosthom il-jedd għall-privatezza taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Min-naħta tal-intimati jsostnu li saru skont il-ligi.

30. Irrispettivament mill-ilmenti tar-rikorrenti dwar id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta (Kap. 391), dik l-istess liġi tipprovdi x'hemm bżonn biex interċettazzjonijiet ta' telekomunikazzjoni ikunu skont il-liġi.

31. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti mhijiex tara l-ħtieġa li r-rikorrent jibqa' jinsisti li l-Qorti għandha tordna lill-intimat Kap tas-Servizz tas-Sigurta' Soċjali sabiex jippreżenta l-mandat. Ir-rikorrent għamilha ċara li mhuwiex jaċċetta d-dikjarazzjoni tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta bħala prova suffiċjenti li fiż-żmien li saru l-interċettazzjonijiet telefoniċi kien hemm fis-seħħ il-mandat li jissemma f'Artikolu 6 tal-Kap. 391. L-oneru tal-prova li

l-interċettazzjonijiet telefoniċi saru skont il-liġi żgur li mhuwiex tar-rikorrent.

32. Hu fatt li l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' xehed li inħareġ il-mandat minn Ministru responsabbli u kontemplat fil-Kap. 391 (fol.266), u l-Qorti fehmet li dan kien seħħ qabel l-omiċidju. Fil-fatt xehed:

> *"Dr William Cuschieri: Issa fuq dal-każ partikolari tas-sur George Degiorgio u li xehed anke s-sur Lawrence Cutajar, jekk intix familjari ? Xi proċeduri saru jekk jogħġbok ?*
>
> *"Xhud: Iva. Sar request kif qal il-Kummissarju u s-servizz ressaq ir-request u ħareġ il-Warrant kif awtorizzat mill-Ministru"*.

33. Wieħed irid jiftakar ukoll li f'proċeduri ġudizzjarji għandhom isiru l-aħjar provi (Artikolu 559 tal-Kodiċi Ċivili). Il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` diġa żvela li inħareġ mandat. Pero` dak li xehed ma joħloq l-ebda presunzjoni li l-mandat inħareġ skont il-liġi.

34. Hu fatt li l-intimat qiegħed isostni li l-mandat hu dokument privileġġat u l-liġi ma tippermettilux li jippreżentah. Bil-mod li qegħdin jirraġunaw l-intimati jagħtu wieħed x'jifhem li d-dikjarazzjoni tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` li qal li inħareġ mandat mill-Ministru kompetenti, hi prova biżżejjed. Dik hi l-għażla tal-intimati u l-Qorti ma tarax li għandha toqgħod tgħidilhom xi prova għandhom iressqu sabiex tingħata prova li l-interċettazzjonijiet telefoniċi saru skont il-liġi.

35. Pero` jibqa' l-fatt li l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` innifsu xehed li inħareġ mandat taħt il-provvedimenti tal-Kap. 391. Dan apparti li Lawrence Cutajar, li meta xehed kien Kummissarju tal-Pulizija, ikkonferma li fis-17 ta' Frar 2017 kien għamel talba lis-Servizz tas-Sigurta` dwar ir-rikorrent (fol. 263 *a tergo*). Il-Qorti fehmet li t-talba kienet proprju sabiex isiru interċettazzjonijiet. Dwar x'investigazzjoni mhux magħruf.

36. Dan ifisser li ġie żvelat mill-intimat innifsu li kien inħareġ mandat. Kif diga` osservat, skont il-liġi f'proċess ġudizzjarju għandha titressaq l-aħjar prova. Alternattivament niġu f'sitwazzjoni fejn persuna tista' tgħid li trid mingħajr l-obbligu li tissostanzja dak li tgħid. Il-mandat hu l-aħjar prova li bih ix-xhud Joseph Bugeja jissostanzja dak li xehed. Dan wara li kien hu stess li xehed li inħareġ mandat kontra r-rikorrent. Fiċ-ċirkostanzi ma jistax issa l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` wara li xehed li l-interċettazzjonijiet saru wara li nħareġ mandat, jinqeda bid-dispożizzjonijiet tal-liġi sabiex jevita milli jressaq l-aħjar prova li dak li sar hu skont il-liġi.

37. Ovvjament jekk l-intimat jonqos milli jippreżenta l-mandat relattiv bir-rekwiżiti kollha li trid il-liġi, ikun ifisser li ma ġabx il-prova li l-interċettazzjoni saret skont il-liġi, bil-konsegwenzi kollha li tali nuqqas jista' jġib miegħu.

38. In vista ta' dak li ntqal hawn fuq m'hemmx ħtieġa li jigi kkonsidrat it-tieni aggravju.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jibgħat l-atti tal-kawża lura lill-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb